**14 ta' April, 1962.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Mikiel Farrugia

*versus*

Maġġur Victor Castillo ne.

**Pagament — Cheque — Bank — Kjamata fil-Kawża.**

*Cheque maħruġ biex jitħallas minn Bank ma jammontax neċessarjament għal pagament; u mhux biżżejjed li d-debitur jipprova ġenerikament li huwa bagħat lill-kreditur cheque għall-ammont lilu dovut, sakemm ma jiġix pruvat li dak iċ-cheque fil-fatt ikun wasal għand il-kreditur u dan seta' jinkassa l-ammont relattiv mill-Bank. Jekk, mbgħad, id-debitur ikun bagħat iċ-cheque lill-kreditur bil-posta, u dan*

*il-mezz għall-konsenja taċ-cheque ikun għażlu d-debitur mingħajr ftehim mal-kreditur, u ma jiġix pruvat li ċ-cheque gie konsenjat lill-kreditur, it-telfa taċ-cheque ibatiha d-debitur, u dan ikun tenut iħallas lill-kreditur l-ammont taċ-cheque.*

*Jekk id-debitur ikun bagħat cheque lill-kreditur bil-posta, u dan ifittex lid-debitur għall-ħlas tas-somma li għandu jieħu għax iċ-cheque ma rċevieħx, u jirriżulta li dak iċ-cheque gie msarraf minn ħadd ieħor li impersonifika lill-kreditur, ma hemmx lok għall-kjamata fil-kawża tal-Bank li jkun sarraf dak iċ-cheque lill-persuna diversa mill-kreditur li pprezentat ruħha l-Bank u sarrfet iċ-cheque.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, talab li l-konvenut fil-kwalità tiegħu premessa jiġi kundannat iħallas lill-instanti s-somma ta' £58.18.1, dovuta lill-istess instanti għall-valur ta' prodotti agrikoli minnu konsenjati fil-pitkalija matul ix-xahar ta' Ottubru tas-sena 1961; liema somma l-konvenut nomine ġabar biex titħallas lill-instanti, li però ma tħallsetx; bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-6 ta' Marzu 1962, u bl-imgħax legali fuq l-ammont dovut mid-data tal-istess ittra uffiċjali;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Mill-provi jirriżulta li l-fatti li taw lok għall-kawża preżenti jistgħu jiġu riassunti kif ser jingħad hawn taħt;

L-attur, li huwa gabillott analfabeta, u li lanqas jaf iniżżel jew iħożż ismu, u li joqgħod numru 14 St. John's Street, Siġġiewi, kien jieħu l-prodotti tal-biedja l-pitkalija tal-Marsa; liema ċentru jagħmel mad-distrett numru 29, li miegħu kien jittraffika l-attur. Kif jidher mill-provi, f'kull pitkalija l-Gvern iżomm skrivan u dan mal-kunsinna tal-prodotti agrikoli mill-parti tal-gabillotti, jagħtihom "voucher" tal-affarijiet tal-biedja li jkunu fil-fatt ġarrew f'ċentru lilhom assenjat, jew minnhom użat, sabiex jismerċjaw

il-frott tal-għelieqi tagħhom. Sa frar tal-1951 il-gabillotti kienu jitħallsu in forza ta' dawk il-"vouchers", imma wara dak ix-xahar u sena d-Dipartiment konvenut introduċa sistema ieħor; liema sistema għadu ma ġiex applikat universalment, imma qiegħed fil-kors ta' applikazzjoni, għal issa in parti sabiex ikun estiż għad-distretti kollha;

Dan is-sistema l-ġdid, suġġerit minn wieħed mil-ħafna esperti ngliżi li nġiebu f'dawn il-Gżejjer, jimporta li, minflok li l-gabillotti jitħallsu direttament fuq il-"voucher" bi flus likwidi għall-prodotti tagħhom, kull xahar, wara li jinġabru mid-Dipartiment konvenut ir-rispettivi krediti dovuti lis-singoli gabillotti, jinħareġ favur tagħhom cheque jew assenju maħruġ mid-Dipartiment f'isem il-gabillott kreditur, bil-laqam tiegħu u l-istrada u numru ta' fejn joqgħod u r-raħal fejn jirrisjedi, kif ukoll bin-numru rispettiv tal-"Farmers' Registration Card", u naturalment l-ammont tal-kreditu dovut f'ittri u ċiffri;

Taħt dan s-sistema l-ġdid l-attur ġew lilu ntestati erbgħa assenji maħruġa mill-uffiċjal amministrattiv tad-Dipartiment għan-nom u bħala aġent direttur u mpjegat ieħor tal-istess dikasteru, li nbagħtu bil-posta b'ittra mhux reġistrata f'indirizz dwar l-istrada ħażin, l-għaliex kienu ndirizzati St. James Street, Siġġiewi, mentri l-instanti kien joqgħod f'Saint John's Street, fl-istess raħal. Minn dawn iċ-cheques l-instanti, non ostanti l-indirizz żbaljat, irċieva tnejn u naqas milli jirċievi tnejn oħra u ċjoè ma rċeviex dak l-assenju dovut għall-prodotti tax-xahar ta' Novembru 1961. Meta saru d-debiti nvestigazzjonijiet imsemmija mix-xhud Vella tal-konvenut nomine, u nstab dak li huwa ddeskriva bid-dettal, l-istess Vella, qal li peress li ċ-cheque tax-xahar ta' Ottubru kien irriżulta li ma ssarrafx, l-attur irċieva ieħor in sostituzzjoni tiegħu mill-istess Dipartiment, mentri ċ-cheque tax-xahar ta' Novembru nstab li kien ġie msarraf u mħallas mil-Barclay's Bank, D.C.O. (Branch ta' Kingsway) minn persuna li ġġiratu u ffirmat il-ġira bħala "Michael Farrugia". Kien għalhekk li d-Dipartiment konvenut il-lum qiegħed jirripudja l-ħlas ta' dak l-istess cheque, li l-ammont tiegħu huwa reklamat bl-att taċ-ċitazzjoni odjern mill-instanti;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta' dawn il-fatti jingħad li t-teżi tal-konvenut nomine mhijiex legalment sana, in kwantu jirritjeni li huwa ma għandu jagħti xejn lill-instanti billi l-import taċ-cheque numru 109360, maħruġ fuq il-Barclay's Bank, D.C.O., kien ġie nkassat minn persuna li assumiet l-isem tal-instanti u ġġirat dak l-assenju f'dak l-istess isem;

Illi fil-verità jingħad u jiġi affermat li cheque, jekk per sè ekonomikament jirrappreżenta u huwa kunsidrat dak li l-awtoritajiet in materja jsejħu xiri ta' kreditu ("purchase of a credit" — "acquisto d'un credito"), intrinsekament mhuwiex ħaġ'oħra ħlief dokument ta' kreditu ("credit document" — "documento rappresentante un credito presso una banca"), u ma jikkostitwix pagament fis-sens ristrett tal-kelma, bħal ma tikkostitwixxi estinzjoni ta' obligazzjoni pekunjarja n-"numerata paecunia". Infatti, mhux l-ewwel darba li cheque, li jirrappreżenta kreditu ta' min joħorġu kontra l-Bank li lilu jkunu ġew mogħtija b'self il-flus mit-traenti, u li dan l-aħħar (il-Bank) jinnegozja a profitt tiegħu, salvo li jonora l-ordnijiet tad-depożitant meta hekk ikun imgħajjat jagħmel bħala aġent tal-kreditur tiegħu, jiġi fil-fatt mhux onorat għal nuqqas ta' fondi,

Illi minn dan jitnissel li, sakemm dik l-iskrittura li tirrappreżenta kreditu ma tasalx f'idejn il-persuna li għandha tirrealizzah f'munita kontanti sabiex titħallas, lanqas id-dokument-kreditu, biex hekk insejħulu, ma jista' jagħmel il-viċi tal-flus kontanti;

Illi fil-każ in diżamina, għalkemm il-konvenut nomine pprova ġenerikament li, meta huwa kien jibgħat permezz tal-posta dawn iċ-cheques b'ittri mhux reġistrati, u ndirizzati erroneament, l-istess ittri ġie li waslu lill-attur, eppure huwa ma ppruvax pożittivament li l-ittra biċ-cheque in kwistjoni verament waslet lill-instanti. Il-prova ġenerika ma teskludix il-fatt li l-ittra biċ-cheque in kwistjoni ma setgħetx tiġi frawdolentement trattenuta fl-istess sedi postali mingħajr ma qatt għaddiet għand il-postin li soltu jqassam l-ittri fiċ-ċirkundarju fejn joqgħod l-instanti; lanqas jista' jiġi eskluż li ġiet kunsinnata għat-tqassim lil xi postin sos-

titwit għal dak li ordinarjament kien iqassam l-ittri fil-lokalità fejn jgħammar l-attur fl-assenza tal-postin ordinarju. *Jingħad, inoltre, li fis-sistema l-ġdid fuq imsemmi, adottat* in parti sal-lum għat-tqassim jew spedizzjoni taċ-cheques bil-posta flok il-ħlas dirett fi flus kontanti lill-gabillotti, ġie evidentement magħżul mill-istess Dipartiment, u mhux miftiehem mill-attur u d-Dipartiment konvenut; u kwindi, jekk b'dak il-mezz prexelt mid-Dipartiment kwerelat id-dokument ta' kreditu dovut lill-attur ma wasalx fejn kellu jasal, ta' dan jibqa' responsabbli d-Dipartiment tal-konvenut nomine. Infatti, jekk jiena nibgħat ma' persuna li nagħżel jien stess, bla ebda konvenzjoni mal-kreditur dwar *l-għażla ta' dik il-persuna, oġġett jew flus li din il-persuna* fil-kors tal-inkariku tissottraji jew ma twassalx, jiena ma nistgħax neżimi ruħi mill-obligazzjoni li kienet teżisti bejni u bejn il-kreditur tiegħi billi ngħid li jien adempejt l-obligazzjoni tiegħi; l-għaliex din tkun legalment kompleta u finalizzata malli dak li nibgħat jasal f'idejn il-kreditur tiegħi. Hekk ukoll, jekk il-persuna li jiena minn jeddi nagħżel biex tirrekapita dak li jiena għandi nagħti lill-kreditur tiegħi tiġi misruqa minn persuni oħra mill-oġġett jew flus hekk spediti fil-kors li tkun sejra tadempixxi l-inkariku li *jiena nkun tajt, dak is-serq ikun jaffetta lili, u mhux lill*-kreditur tiegħi, li di fronti għalieh, f'din il-kontinġenza, jiena ma nistgħax raġjonevolment u legalment nopponi, jekk rikjest, li jiena kont bgħattlu dak li lilu kont obligat nagħtieh;

Illi jingħad, oltre dan li ntqal, li l-instanti ħalef li huwa ma rċeviex il-karta ta' kreditu li l-konvenut nomine jgħid li bgħatlu; u del resto, dan l-istess fatt kien ġara għaċ-cheque tax-xahar ta' Ottubru 1961, imma taħt iċ-ċirkustanzi *l-ammont ġie rikonoxxut u rimedjat f'dan l-aħħar* każ. Huwa pruvat soddisfaċentement li l-instanti huwa mhux biss analfabeta, imma li lanqas jaf jagħmel ismu, kif huwa komprovat mix-xhud Vella, li meta irtira mill-Barclay's Bank iż-żewġ cheques preċedenti għax-xhur ta' Ottubru u Novembru 1961, sab li l-instanti kien biss ikkroċesenjahom — dak li juri li l-attur qiegħed jgħid il-verità, l-għaliex iċ-cheque in kwistjoni preżentat lill-Bank imsemmi huwa ġirat b'firma ta' persuna li ssejħet "Michael Farrugia", imma li evidentement ma kienetx l-attur; tant

li x-xhud Bonett, impjegat tal-Bank, afferma dan il-fatt u l-fatt li dik il-persuna li sarrfitu kellha nuċċali tal-vista, dak li l-attur ma għandux;

Illi kwindi l-konvenut nomine għandu jħallas l-ammont reklamat;

Illi l-konvenut nomine talab il-kjamata fil-kawża tal-Bank fuq imsemmi; din il-Qorti, però ma tħossx li tista' taqbel ma' din it-talba, għal żewġ raġunijiet; u ċjoè (a) l-għaliex, jekk il-Bank imsemmi għamelx tajjeb jew ħażin meta sarraf dak l-istess cheque lill-persuna li ma kienetx l-attur hija kwistjoni estranea għal dik tar-reklam tal-kreditur tal-attur, u se maj jista' jkun (din il-Qorti mhix qegħdha tgħid li huwa) tenut għad-danni — kawżali diversa minn dik tal-kawża odjerna, (b) u l-għaliex fuq il-kawżali ad-dotta l-ġudizzju huwa ntegru u ma hemmx bżonn ta' persuna oħra biex tintegrah;

Għalhekk taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi, bl-ispejjeż kollha għall-konvenut nomine; salv lil dan l-aħħar imsemmi kwalunkwe dritt "si et quatenus", kontra min u skond il-liġi.